MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 53/2004

**Joseph Saliba**

**vs**

**Joseph Mercieca u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2010, l-ati tal-kawża ġew trasfużi f'isem Victoria Mercieca minflok Joseph Mercieca li miet fil-mori tal-kawża; u Carmel Galea li b'digriet tal-10 ta' Ġunju 2004 pew maħtura in solidum Kuraturi Deputati ad litem sabiex jirrapreżentaw l-interessi ta' Daniela Mericeca illi tinsab inkapaċitata.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Ottubru 2013**

Il-Qorti,

PRELIMINARI

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002), waqt illi kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu Toyota Hilux bin-numru tar-reġistrazzjoni DBH087 matul t-Triq tax-Xħajma, fil-limiti ta' Xewkija, Għawdex, u fid-direzzjoni tan-Nadur, Għawdex, l-attur safa investit minn vettura Opel numru tar-reġistrazzjoni ABH486 misjuqa mill-konvenuta Daniela Mercieca illi kienet għaddejja fid-direzzjoni opposta;

Illi l-inċident seħħ għaliex meta il-vettura tal-konvenuta waslet fil-kantuniera ossia liwja illi hemm fi Triq tax-Xħajma, din tilfet il-kontroll u spiċċa fil-karreġġjata li fiha kien għaddej l-attur, minkejja illi hemmhekk hemm sinjali bojod kontinwi illi jipprojbixxu illi l-vettura tidħol fil-karreġġjata fid-direzzjoni opposta għal dik illi tkun miexja hija;

Illi di piu', il-konvenuta kienet qegħda ssuq b'veloċita' eċċessiva u kienet f'kondizzjoni illi ma setgħetx iżżomm '*a proper look out*' kif sejjr jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet kif ukoll għal nuqqasijiet oħra illi sejrin jiġu pruvati dettaljatament fil-kors tal-kawża, għal danl-inċident taħti unikament il-konvenuta;

Illi l-attur sofra danni inġenti per konsegwenza ta' dan l-inċident straddali konsistenti fi ħsarat fil-vettura tiegħu – illi ġiet danneġġjata '*beyond economic repair*' u feriti personali, per konsegwenza ta' liema l-attur baqa', għadu u sejjer jibqa' jsofri minn debilita' permanenti kif sejjer jirriżulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi dan kollu qiegħed jikkaġuna danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti lill-atturi;

Illi għalkemm il-konvenuta ġiet interpellata tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, din baqgħet inadempjenti;

Illi l-attur irid illi jiġi kumpensat ta' dawn id-danni.

Talab lill-konvenuti nomine jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara lilek Daniela Mercieca unikament responsabbli għall-imsemmi inċident stradali;

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dak id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjonii tal-kawża;

3. Tikkundannakhom tħallsu dawn id-danni kif likwidati;

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċċjali spedita fit-13 ta' Frar 2004, l-ittra uffiċċjlai kontra l-kumpanija assikuratriċi tiegħek, u r-rikors għall-ħatra ta' kuratur *ad litem* preżentati kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni, kontra tiegħek u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunta.
Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament maħlufa minnu.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li eċċepew :

1. Preliminarjament, illi din iċ-ċitazzjoni hija rrita u nulla stante illi hija intavolata kontra "Kuratur deputat ad litem sabiex jirrapreżenta l-interessi ta' Daniela Mercieca illi tinsab inkapaċitat"; dan meta ma saret l-ebda talba lil din l-Onorabbli Qorti saibex l-istess Daniela Mercieca tiġi dikjarata legalment inkapaċitata u ma sarux il-proċeduri neċessarji preskritti mil-liġi għall-inkapaċitazzjoni legali tal-imsemmija Daniela Mercieca;

2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-eċċipjenti jeċċepixxu l-illeġittimita tal-persuna in limine litis, u ċioe' jagħmlu l-eċċezzjoni illi huma ma

humiex il-leġittimi kontraditturi fil-kawża odjerna stante illi, kif ġie eċċepiet fl-ewwel lok, l-imsemmija Daniela Mercieca ma hiex legalment inkapaċitata;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suepost, illi t-talbiet attriċi humatotalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kollha kontra l-attur u dan għar-raġunijiet segwenti;

4. Illi ma hux minnu illi l-inċident mertu ta' din il-kawża ġie kaġunat mill-konvenuta Daniela Mercieca u dan kif jiġi muri dettaljatament waqt is-smiegħ tal-kawża;

5. Illi ll-verżjoni illi qed jagħti l-attur ta' kif ġara l-inċident hija totalment inveritiera u mingħajr l-ebda bażi kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt;

6. Illi l-konvenuta fl-ebda mument ma tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha, lanqas ma kienet issuq b'veloċita eċċessiva;

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti nomine maħlufa minn Carmel Galea.

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-12 ta' April 2005 fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti nomine.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Novembru 2005 fejn ħatret lill-kirurgu Mr. Charles Grixti sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni medika ta' l-attur.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess l-espert mediku ppresentata fil-21 ta' April 2006 u minnu maħlufa fil-15 ta' Settembru 2006.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Marzu 2007 fejn innominat lill-Psikjatra Dr. David Cassar sabiex jirrelata dwar l-istat mentali ta' Daniela Mercieca.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Mejju 2013 fejn irrevokat dan l-inkarigu.

Rat id-digriet tagħha ta’ l-20 ta’ Marzu 2009 fejn awtorizzat lill-partijiet iressqu l-provi miġbura fil-proċeduri kriminali li kienu ttieħdu kontrihom.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Ġunju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta’ l-attur.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur in segwitu għal inċident stradali li fih huwa safa’ midrub. L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendi li hu l-każ presenti l-attur.[2]

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

FATTI

---

[1] 44 Dig. Del leg.aquil.IX,2
[2] art.1033 Kap.16
[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol.II. # 18 p.32-33

L-inċident mertu tal-kawża ġara fit-23 ta' Novembru 2002 għall-ħabta ta' l-erbgħa neqsin kwart ta' filgħodu (3:45a.m.) fit-Triq tax-Xħajma, limiti tax-Xewkija, Għawdex, u fih kienu nvoluti *pick-up truck* tal-marka Toyota misjuq mill-attur u karozza tal-marka Opel Astra misjuqa minn Daniela Mercieca, rappresentata f'dawn l-atti mill-konvenuti nomine. L-attur kien qed isuq fid-direzzjoni tan-Nadur, mentri Mercieca kienet nieżla min-Nadur, fid-direzzjoni tar-Rabat. Saliba kellu miegħu lil Lauran Rose Portelli bħala passiġiera.[4] Il-ħabta bejn iż-żewġ vetturi seħħet ftit 'l isfel minn liwja li hemm fit-triq għal min ikun nieżel min-Nadur u wara l-impatt il-vetturi spiċċaw kif immarkati fuq l-iskizz redatt mill-AIC Guido Vella li kien ġie nominat mill-maġistrat inkwirenti fl-inkjesta relattiva. It-triq li mhix fl-abitat, għandha karreġjata waħda fuq kull naħa maqsuma minn nofs bid-*double white lines.* Dak il-ħin kienet imdawwla sew bl-arbli tad-dawl fuq kull naħa tagħha u kienet xotta u f'kundizzjoni tajba.[5] Il-persuni kollha nvoluti f'dan l-inċident spiċċaw ġarrbu xi feriti, biż-żewġ sewwieqa jkorru b'mod gravi, bil-vetturi tagħhom iġarrbu ħsara estensiva. [6]

RESPONSABILITA'

L-attur jikkontendi illi taħti għal dan l-inċident il-konvenuta, kif rappresenatata f'dawn l-atti mill-konvenuti nomine, talli waqt li allegatament kienet qed issuq b'veloċita' eċċessiva, tilfet il-kontroll tal-karozza tagħha hija u timmanuvra l-liwja għan-niżla fit-triq hawn fuq imsemmija, invadietlu l-karreġġjata tiegħu u seħħet il-kolliżżjoni li bl-impatt tagħha il-vettura tiegħu spiċċat imbuttata għal ġo siġra fil-ġenb tat-triq.[7] Il-konvenuti nomine minn naħa l-oħra jsostnu illi dak li seħħ kien tort ta' l-attur li, biex jaqla' karozza oħra għaddejja fl-istess direzzjoni tiegħu, ħareġ 'l barra mil-linja tiegħu u daħal fil-karreġġjata tan-naħa l-oħra minn fejn kienet għaddejja Daniela Mercieca.

---

[4] Ara okkorrenza tal- Pulizija dwar dan l-incident; esebita bhala Dok.A a fol. 5 – 7 tal-process
[5] Ara pjanta GV esebita a fol.493 tal-process
[6] Ara okkorrenza tal-Pulizija gia ndikata, u ritratti esebiti mill-attur a fol. 362 - 380
[7] Ara ritratti Dokti .JS 16 u JS 17 a fol. 369 tal-process

Ġie mfisser mill-qrati tagħna fir-rigward tal-ħtija f’kawżi bħal dawn illi:

"*Hu għalhekk importanti għall-finijiet ta' din il-kawża li jiġi preċiżat f'hiex tikkonsisti l-kolpa f'każ ta' fatt dannuż li minnu toriġina l-***azzjoni akwiljana**;

*Hemm diversi definizzjonijiet fid-dottrina tal-'colpa', iżda kif jesprimmi ruħu l-***Carrara** *(Progr. Parte Gen. VolI. para.80): 'Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale s'asside la colpa sara' sempre questo:* ***(1)volontarieta' dell'atto, (2) mancata previsione dell' effetto nocivo, (3) possibilita' di prevedere'****. Fil-para. 83 ,dan l-awtur jirribadixxi illi* ***'ma essenza della colpa sta tutta nella prevedibilita'*** *';*

*Din hi n-nozjoni tal-'colpa' tradizzjonalment aċċettata fis-sistema legali malti, ċjoe' dik bażata fuq il-prevedibilita'. Hu sewwa u loġiku li jkun hekk; għaliex il-prevedibilita', bħal distinta mill-previzjoni, isservi biex tiddistingwi l-colpa' mid-dolo; u l-konkors tagħha jiddifferenza l-kolpa mill-każ fortuwitu. Dan hu l-kunċett tal-awturi l-aktar akkreditati, fosthom, minbarra dak fuq citat,* ***Chironi*** *- 'Colpa Extra-Contrattuale'; il-***Pincherle** *p.105. Manuale Dto.Penale, para.49-51;* ***Arabia****, Princip .Dto .Pen., pag.127, para.101;***Giuliani,** *Istituz .Dto. Crim. p.80 et seq.;* ***Brusa****, Saggio d'una dottr. gen. del reato p.101 ;u l-***Crivellari***, Cod. Pen., Vol.III. para.32;*

*Din il-Qorti hi a konjizzjoni tal-fatt li xi awturi moderni riedu jissotitwixxu dan il-kriterju tal-prevedibilita' b'nozzjonijiet oħra … iżda jgħid sewwa f'publikazjoni reċenti (1956), il-***Barsiello***, Primo Presidente Corte Suprema di Cassazione, fil-ktieb tiegħu "I limiti della Responsabilita' per Danni' p.299: - 'Senonche' bisogna sempre tener presente che quando si voglia approfondire la natura della condotta che viene definita negligente, imprudente e simili, quando si voglia valutare la efficenza della causa non da un punto di vista astratto e meccanico, ma agli effetti di farne derivare la responsabilita', non si puo' fare astrazione dalla disamina, se, nel caso, l'effetto era prevedibile. Il criterio della prevedibilita' o non dell'evento*

*in conseguenza della condotta possa o non qualificarsi imprudente, negligente, e simili; ed e' percio che coloro che avversano la enunciata antica teorica non possono fare astrazione, sia pure con altro linguaggio, dal 'prevedibile', quando si fanno a precisare i limiti del fatto colposo.'* [8]

Il-partijiet involuti f'dan l-inċident ftit li xejn setgħu jispjegaw x'ġara, minħabba li ntilfu minn sensiehom mad-daqqa. Infatti s-surġent li rrediġa l-okkorrenza relattiva għal dan l-inċident ma ħa l-verżjoni ta' ħadd minnhom *a tempo vergine.* Xhieda oħra okulari ma kienx hemm.

Fl-affidavit tiegħu l-attur spjega x'jiftakar mill-inċident bil-mod segwenti:

*"L-inċident seħħ meta l-vettura tal-konvenuta waslet fil-kantuniera ossia liwja li hemm fi Triq tax-Xħajma. F'dak il-mument il-konvenuta tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha u spiċċat fil-karreġġjata li fiha kont għaddej jiena, minkejja illi hemmhekk hemm sinjali bojod kontinwi illi jipproibixxu illi vettura tidħol fil-karreġġjata fid-direzzjoni opposta għal dik li tkun miexja fiha.*

*Niftakar illi l-konvenuta kienet qegħda issuq b'veloċita' eċċessiva b'konsegwenza illi hija ma kienitx f'kundizzjoni illi żżomm a proper look out.*

*Ngħid illi jiena niftakar biss il-vettura tal-konvenuta ġejja fid-direzzjoni tiegħi b'veloċita' qawwija u ma niftakar xejn aktar x'ġara wara l-kollizzjoni."* [9]

Daniela Mercieca qalet biss illi:

*"Mistoqsija kif soqt meta tlaqt min-Nadur biex inmur lejn ta' Xħajma, ngħid li soqt normali. Mistoqsija kienx hemm nida ngħid illi ma nafx. L-inċident seħħ appena dort liwja li*

---

[8] Annunziato D"Amato et vs Jsoeph Camilleri et. (1958);kollez. Vol.XLII I.80.
[9] Ara affidavit tieghu a fol. 51 tal-process

*hemm; rajt id-dawl ġo wiċċi. Jiena ma stajtx inkompli nsuq għax malli ksit rajtu ġo wiċċi u daħal ġo fija.”* [10]

Din il-Qorti ser ikollha għalhekk neċessarjament toqgħod fuq dak li rriżulta fattwalment mill-investigazzjoni li saret in segwitu għal dan l-inċident, u in partikolari fuq x’sab il-perit tekniku l-A.I.C. Guido Vella li ġie nominat mill-maġistrat inkwirenti fl-inkjesta relattiva.

Minn eżami ta’ din il-pjanta[11] nsibu illi;

1. Jidhru par *brake-marks* twal kważi ħamsa u għoxrin (25) metru li jibdew minn fejn id-*double white line* tat-triq, hekk kif tispiċċa l-liwja fejn din tiltaqa’ ma’ *side road,* u inklinati lejn ix-xellug tat-triq għal min ikun nieżel min-Nadur;

2. Dawn il-*brake marks* imbagħad jaqtgħu għal distanza ta’ xi ħames (5) metri u jerġgħu jidhru bħala *feint brake marks* imma din id-darba fid-direzzjoni tal-lemin u jispiċċaw kważi mad-*double white line*;

3. Fejn jintemmu dawn il-*brake marks* jidher ħafna *debris* fl-art;

4. Daqs żewġ metri ‘l isfel mill-*feint brake mark* tax-xellug, tidher il-karozza tal-konvenuta, b’roqgħa żejt taħtha, u mdawwra kważi perpendikulari għad-*double white line*, bin-naħa ta’ wara tagħha mqabbda maċ-ċint baxx fuq ix-xellug tat-triq għal min ikun nieżel min-Nadur;

5. It-truck ta’ l-attur jidher imdawwar qisu ħamsa u erbgħin (45) grad imqabbad minn quddiem ma’ siġra fil-ġenb tan-naħa l-oħra tat-triq;

6. Daqs żewġ metri ‘l boghod minn naħa ta’ wara tat-truck jidhru żewġ *scratch marks* fl-art, fil-karreġġjata tiegħu.

---

[10] Xhieda moghtija minnha fil-kawza; Pul. vs Joseph Saliba; ara kopja a fol. 445 tal-process

[11] A fol. 493 tal-process

Dawn il-konstatazzjonijiet jindikaw illi Daniela Mercieca kienet nieżla min-Nadur b'ċerta veloċita' (brake marks ta' 25 metru), u fuq ir-*wrong side of the road*. X'ħin, malli daret il-liwija, rat id-dwal ta' vettura ġejja mid-direzzjoni opposta, applikat il-*brakes* u ppruvat iġġenneb kemm setgħet għan-naħa tagħha tat-triq. Jidher pero' li mbagħad tilfet il-kontroll tal-karozza tagħha li reġgħet daret lejn il-lemin, invadiet il-karreġġjata ta' l-attur u sar l-impatt, b'tant saħħa li tefa' l-vetturi rispettivi f'direzzjoni opposta; tant li l-karozza ta' Mercieca spiċċat taħt il-bankina tan-naħa tagħha u t-truck ta' l-attur imqabbad ma' siġra fil-ġenb tan-naħa tiegħu.

L-inċident jidher li tant kien istantanju li l-attur ftit li xejn kellu ħin biex jieħu xi *evasive action*. Infatti l-vettura tiegħu ma ħalliet ebda *brakemarks* u lanqas jidher li dan kien għaddej b'veloċita' qawwija. Altrimenti truck b'toqol wisq akbar mill-karozza ta' Mercieca ma kienx jispiċċa f'dik il-posizzjoni, imma x'aktarx kien jibqa' għaddej u ikaxkarha għal ċertu distanza fl-istess direzzjoni li fiha kien għaddej hu. Ma rrizultat ebda evidenza li dan it-truck f'xi mument qabeż id-*double white line*, anzi l-i*scratch marks* fl-art fejn in-naħa ta' wara tiegħu jagħtu indikazzjoni ta' fejn kien l-istess truck fil-mument tal-impatt.

Hawnhekk għandna każ klassiku ta' *res ipsa loquitur*.

Kif ġie mfisser mill-ġurisprudenza:

"*The doctrine of* ***res ipsa loquitur*** *means that an accident may by its nature be more consistent with its being caused by negligence for which the defendant is responsible than by other causes, and that in such the mere fact of the accident is prima facie evidence of such negligence. In such a case the burden of proof is on the defendant to explain and to show that it occured without fault on his part*." [12]

Imma Daniela Mercieca ma offriet ebda spjegazzjoni raġonevoli biex tirribatti dak li kien jidher tant evidenti

[12] Cole vs De Trafford (1918 2 QB 523)

minn dawn il-konstatazzjonijiet. Fid-dawl ta’ dak li rriżulta, l-allegazzjoni tagħha li rat dwal ta’ karozza ġejjin fuqha malli daret il-liwja u ma setgħetx tkompli ssuq, xejn ma tidher verosimili.

Din il-Qorti għalhekk ma ssib ebda eżitazzjoni li titfa l-ħtija għal dak li ġara fuq l-istess Daniela Mercieca, li b’ nuqqas ta’ ħsieb, traskuraġini u negliġenza fis-sewqan tagħha kkawżat dan l-inċident tat-traffiku.

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f’din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[13] Fl-eżerċizzju ta’ din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista’ ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta’ kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f’dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b’xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b’dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita’ ta’ kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta’ kull fattispecie.[14]
Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f’żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta’ qliegħ futur (*lucrum cessans*).

## A. Damnum Emergens:

Taħt dan l-aspett l-attur qed jirreklama:

1. Kumpens għat-truck tiegħu li jgħid li spiċċa *a total loss*. Imma ma ressaq pero’ ebda provi dwar il-valur li seta’ kellu dan it-truck meta seħħ l-inċident in kwistjoni, u allura ma jista’ jingħata xejn f’dan ir-rigward.

---

[13] Savona vs Asphar: Appell:23.6.1952
[14] Carmelo Fenech vs Antonio Galea;vol.XL.I.73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech;vol.XLII.II.1019

2. Kumpens għaż-żmien li għamel mingħajr impieg. L-attur ma kienx jaħdem meta seħħ dan l-inċident, u kien jirreġistra għax-xogħol; ma rriżultax pero' li kien hemm ebda relazzjoni maż-żmien li għamel disimpjegat u l-korriment tiegħu, u għalhekk lanqas f'dan ir-rigward ma jista' jingħata xi kumpens.

B. **Lucrum Cessan**s: Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal piuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell:

*"Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunzjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom ….. Diversi drabi l-qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v.Heard'*.[15]

Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża:

*"Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm il-darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[16]

Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġior parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "Butler vs Heard". Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jisejjaħ il-multiplier system li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-life expectancy tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-

[15] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell:15.1.2002
[16] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et :Appell: 20.7.1994

inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmienijiet attwali.**[17]**

Fil-kawżi li segwew Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet titteħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Illum il-ġurnata pero' meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi (inkluż tagħna) qed itawwlu wkoll l-eta' tal-pensjoni, ma baqa' ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha.[18] Meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu 24 sena [19] u għalhekk kien għad baqagħlu ħajja lavorattiva ta' ċirca 40 sena. L-espert mediku li eżamina lill-attur stabilixxa debilita' permanenti ta' tnax fil-mija (12%).[20] Skond il-ġurisprudenza kostanti, minħabba l-*lump sum payment*, irid jitnaqqas kwint (1/5). Imma peress li din il-kawża ilha pendenti għal iżjed minn disa snin, tnaqqis ta' 10% għal dan il-għan għandu jkun iżjed xieraq. L-attur ma kienx jaħdem dakinhar ta' l-inċident u allura għandha tittieħed bħala bażi l-paga minima nazzjonali tas-sena meta seħħ. Fit-2002 din kienet tlaħħaq Lm51.38 fil-ġimgħa. Imma peress illi l-kalkoli qed jinħadmu fuq paga ta' 11 il-sena ilu, irid jingħata kumpens xieraq ukoll biex jagħmel tajjeb għar-rata ta' inflazzjoni. Normalment din tkun ta' għoxrin fil-mija (20%).

Għalhekk l-ammont dovut irid jinhadem hekk: Lm2672 (paga bazi) x 120% (għaż-żieda fl-inflazzjoni) x 40 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 90% (minħabba l-*lump sum payment*) x 12% (debilita' permanenti) = Lm13,851.65ċ, jew ahjar fi flus korrenti: €32,266.

RI-EPILOGU

[17] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din I-Qorti tat-13.5.2003
[18] Agius vs.Galea et noe.:Kummerc:11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi:Kummerc:25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg:Prim'Awla:8.5.1990
[19] ara karta ta' identita' tieghu (12578G)
[20] Ara rapport ta' l-espert mediku a fol. 93 -97

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti:

1. Damnum emergens: Xejn
2. Lucrum Cessans: €32,266

- Total ta: €32,266

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti nomine, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. Tiddikjara lil Daniela Mercieca kif rappresentata f'dawn il-proċeduri mill-konvenuti nomine, unikament responsabbli ghall-inċident mertu tal-kawża;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minħabba fl-istess inċident, fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, mitejn sitta sittin euro (€32,266); u

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine sabiex iħallsu l-ammont hekk likwidat lill-attur.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tas-sentenza preliminari tat-12 ta'April 2005, ta' l-ittra uffiċċjali spedita fit-13 ta' Frar 2004, l-ittra uffiċċjali kontra l-kumpannija assikuratriċi tal-vettura misjuqa minn Daniela Mercieca u tar-rikors għall-ħatra ta' kuraturi *ad litem* ppreżentati kontestwalment maċ-ċitazzjoni, kontra l-istess konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------